**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru 2015

Rikors Nru : 208/15 AL

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-esponenti zzewwget fit-30 ta' Novembru 1986, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, Deandra li twieldet fl-1 ta' Dicembru tas-sena 1987, P li twieldet fl-4 ta' Ottubru tas-sena 1989 u Q, li twieldet fit-30 ta' Mejju tas-sena 1994 u ghalhekk llum kollha huma maggorenni;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Liza Camilleri fis-6 ta' Gunju tas-sena 2006, anness u mmarkat DOK A;
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin

ghal aktar minn disgha (9) snin, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi l-intimata irrinunzjat ghad-dritt taghha li tircievi manteniment u dan skont klawsola numru 4 ta' l-imsemmi kuntratt u ghalhekk ma hemm l-ebda pendenza fuq dan ir-rigward;
5. Illi ghalhekk ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-partijiet nhar it-30 ta' Novembru tas-sena 1986 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;
b) Tordna li d-digriet ta' din il-Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registratur Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skont il-ligi; u
c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha ippremetta :

1. Illi l-esponent jikkonferma illi hu u r-rikorrenti sseparaw snin ilu;
2. Illi minn meta sseparaw huma qatt ma reghu irrikonciljaw;
3. Illi fil-futur ma hemmx lok ghal ebda rikonciljazzjoni;
4. Illi ma hemmx kwistjonijiet dwar manteniment la bejn il-partijiet u lanqas rigward t-tfal;

Ghaldaqstant l-esponenti jaqbel illi z-zwieg bejnu u bejn ir-rikorrenti jigi ddikjarat xolt u li ghandu jigi pronunzjat d-divorzju;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Mejju 2015;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Gunju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.